# Ir-Raba’ Ħadd tal-Għid

## Qari I

*M’hemmx salvazzjoni ħlief biss fl-Isem ta’ Ġesù.*

Atti 4, 8-12

**Qari mill-Ktieb tal-Atti tal-Appostli**

F’dak iż-żmien, 8 Pietru, mimli bl-Ispirtu s-Santu, wieġeb: «Kapijiet
tal-poplu u xjuħ, 9 intom illum qegħdin tistħarrġuna fuq il-ġid
li għamilna lil wieħed marid, u biex dan fieq. 10 Mela kunu afu
intom ilkoll, u l-poplu kollu ta’ Iżrael: jekk dan ir-raġel hu hawn
quddiemkom qawwi u sħiħ, dan ġara bis-saħħa tal-isem ta’ Ġesù
Kristu ta’ Nazaret, li intom sallabtuh u Alla qajmu mill-imwiet.

11 Dan Ġesù hu l-ġebla li intom, il-bennejja, warrabtu u li saret il-ġebla
tax-xewka.

12 F’ħadd ħliefu ma hemm salvazzjoni, għax imkien taħt is-sema ma
hemm isem ieħor mogħti lill-bnedmin li bih aħna għandna nkunu
salvi.»

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 117 (118), 1.8-9.21-23.26.28ċd.29

R/. (22): Il-ġebla li warrbu l-bennejja saret il-ġebla tax-xewka

*jew*

R/. Hallelujah, Hallelujah, Hallelujah

1 Faħħru l-Mulej, għaliex hu tajjeb,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu!
8 Aħjar tiskenn fil-Mulej
milli tittama fil-bnedmin.
9 Aħjar tiskenn fil-Mulej
milli tittama fil-kbarat. R/.

21 Niżżik ħajr talli weġibtni
u kont għalija s-salvazzjoni tiegħi.
22 Il-ġebla li warrbu l-bennejja
saret il-ġebla tax-xewka.
23 Bis-saħħa tal-Mulej seħħ dan:
ħaġa tal-għaġeb f'għajnejna. R/.

26 Imbierek minn ġej f'isem il-Mulej!
Inberkukom minn dar il-Mulej.
28 Alla tiegħi, jien lilek inkabbar.
29 Faħħru l-Mulej, għaliex hu tajjeb,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu! R/.

# Qari II

*Għad jaraw lil Alla kif inhu.*

1 Ġw 3, 1-2

**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Ġwann Appostlu**

Għeżież, [1]araw b'liema għożża ħabbna l-Missier; nistgħu nissejħu
wlied Alla, u hekk aħna tassew. Għalhekk id-dinja ma tagħrafniex,
għax ma għarfitx lilu.

[2]Għeżież, issa aħna wlied Alla, imma x'se nkunu 'l quddiem
mhuwiex irrivelat lilna. Madankollu nafu li meta jidher hu, aħna
nkunu bħalu, għax narawh kif inhu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Ġw 10, 14

Hallelujah. R/. Hallelujah
Jiena r-ragħaj it-tajjeb, jgħid il-Mulej;
jiena nagħraf in-nagħaġ tiegħi,
u n-nagħaġ tiegħi jagħrfu lili.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Ir-ragħaj it-tajjeb jagħti ħajtu għan-nagħaġ tiegħu.*

Ġw 10, 11-18

**Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann**

F'dak iż-żmien, Ġesù qal: [11]«Jiena r-ragħaj it-tajjeb. Ir-ragħaj it-tajjeb jagħti ħajtu għan-nagħaġ tiegħu. [12]Il-mikri, li mhuwiex ir-ragħaj, u li n-nagħaġ mhumiex tiegħu, jara l-lupu ġej, u jħalli n-nagħaġ u jaħrab; u l-lupu jaħtafhom u jxerridhom. [13]Mikri hu, u ma jħabbilx rasu min-nagħaġ.

[14]Jiena r-ragħaj it-tajjeb; jiena nagħraf in-nagħaġ tiegħi, u n-nagħaġ tiegħi jagħrfu lili, [15]bħalma l-Missier jagħraf lili u jiena nagħraf lill-Missier; u għan-nagħaġ tiegħi nagħti ħajti. [16]Għandi wkoll nagħaġ oħra, li mhumiex minn dan il-maqjel; lilhom ukoll jeħtieġ li niġbor, u huma jisimgħu leħni, u jkun hemm merħla waħda, ragħaj wieħed.

[17]Għalhekk iħobbni l-Missier, għax jien nagħti ħajti, biex nerġa' neħodha. [18]Ħadd ma jeħodhieli, iżda jien nagħtiha minn rajja. Għandi setgħa li nagħtiha, u għandi s-setgħa li nerġa' neħodha; din hi l-ordni li ħadt mingħand Missieri.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu